10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 40**

**11 ta' Mejju 2026**

Il-laqgħa numru 40 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-11 ta' Mejju 2026 fil-16.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Stephen Sultana

**ASSENTI:**

**Ħadd**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

**1 Qari tal-ittri t'apoloġija**

F'din il-laqgħa kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija ta' Sur Darren Grech u Sur Stephen Sultana.

**2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

Laqgħa 38

Joe Vella irrimarka li fl-ewwel paragrafu kien hemm ix-xahar nieqes. Għalhekk wara 13 ta' żdiedet il-kelma April. Ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet.

**Trejqa ta' Fleur De Lys:** Is-Sindku informa li kien beda xogħol minn Transport Malta u Infrastructure Malta fuq sinjali u tabelli u qal li l-kunsill kien qed jirċievi ħafna ilmenti. Dawn kienu qed jiġu mgħoddija lil Transport Malta. Karl Carabott saqsa kif il-kunsill m'għamilx diskussjoni mar-residenti kif sar f'toroq oħra. Is-Sindku wieġeb li l-kunsill anke fid-diskussjonijiet li saru ma kellux opzjoni oħra. Il-Kunsill dejjem baqa' jisħaq għal-aċċess għar-residenti imma d-dipartiment tal-edukazzjoni u Transport Malta ma qablux ma dan. Karl Carabott qal ukoll li hu jaħseb li l-implimentazzjoni kellha ssir f'Settembru mhux l-aħħar xahar tal-iskola. Is- Sindku qal li dan hu proġett pilota għal 6 xhur.

Roberta Sultana irrimarkata li Sqaq il-Bir kien dejjaq ħafna u karozzi kbar ma jgħaddux. Is-Sindku qal li ser jgħaddu minn hemm karozzi tar-residenti u li SUV tgħaddi komda.

**Ombusdman:** Is-Sindku qal li Triq il-Blata l-Kaħla tneħħiet l-MC Bay u qamet rabbja kbira minn naħa tar-residenti.

### 3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 445, u 446 u Petty Cash

Is-Sindku staqsa hekk kienx hemm kummenti fuq l-iskedi tal-pagament 445 u 446. Joe Vella xtaq ikun jaf x'kien il-pagament 2364. Is-Sindku wieġeb li dan kien kirja tal-vann kbir għal żmien il-festa sabiex jinġarru l-barriers. Joe Vella staqsa ukoll fuq 2430. Is-Sindku qal li l-kunsill uża lil KFE sabiex jitqassmu l-fuljetti ta' żmien il-Għid. Ġie deċiż ukoll li l-għaqdiet jiġu mistoqsija sabiex il-kunsill jirċievi kwotazzjoni sabiex jagħmlu distribuzzjoni huma.

Hawnhekk is-Sindku talab sabiex il-kunsilliera preżenti jieħdu vot fuq l-iskeda però ħadd ma tkellem meta s-sindku beda jistaqsi.

Voti Favur: 1

Voti kontra: 0

Astensjonijiet: 0

### 4. Kommunikazzjoni mis-Sindku

**Toqob tal-festa mitluba mill-għaqdiet –** Is-Sindku qal li 3 għaqdiet tal-festa qed jitolbu t-toqob bħalma intqal fil-laqgħat ta' qabel. Kien qed jiġi issuġerit li toqob ta' fuq il-bankina isiru mill-ħaddiema tal-kunsill, imma irridu niċċekkjaw l-għodda u l-ħila tal-ħaddiema. Joe Vella qal li minħabba l-garanzija tat-Triq il-kunsill kien ser jiċċekkja ma' Infrastructure Malta.

Joe Vella semma ukoll li dawk it-toqob li ser ikunu qed isiru fuq il-bankina, il-kuntrattur għandu jiċċekkja s-servizzi qabel ma jtaqqab. Is-Sindku qal li f'dak il-każ il-kuntrattur japplika għal RWP fejn l-entitajiet ikkonċernati jkunu jistgħu jagħtu l-kummenti tagħhom.

**Fallen Tree – Chateau D'Ax Parking –** Is-Sindku informa li l-kunsill ftit taż-żmien ilu irċieva talba għal kumpens mingħand persuna li kienet ipparkjat taħt siġra fil-parking ħdejn iċ-Chateau D'Ax. Is-Sindku kien informa lil persuna li dik l-akwata ma kienetx fi żona li l-

kunsill jieħu ħsieb u għalhekk idderiġa lil-persuna sabiex ikellem lil insurance tiegħu. Il-kunsill qabel li dan jiġi Act of God.

**Blue Badge communal -** Is-Sindku qal li kelluh xi residenti li xtaqu li ssir communal blue badge parking fi **Triq Abela,** peress li ma kienx hemm. Il-kunsill qabel fuq dan. Is-Sindku informa ukoll li fi **Trejqet Fleur De Lys** kien hemm bżonn li ssir rilokazzjoni tal-blue badge minħabba sistema tat-Triq kif kienet ġejja issa. Fuq dan kien hemm qbil. Joe Vella qal ukoll li fi **Trejqet il-Ferrovija** kien hemm bżonn ta' communal bay. Fuq dan kien hemm qbil.

**Bidla fil-bord tal-*contracts manager*** – Is-Sindku qal li peress li Sur Stanley Zammit ma kienx persuna li jaħdem maċ-ċivil, ma setgħax ikun fuq il-bord tal-evalwaturi. Għaldaqstant il-kunsill ser ikun qed jingaġġa persuna indipendenti sabiex jgħamel dan.

**Ħaddiema ġodda** – is-Sindku informa li l-kunsill kien ser ikollu żewġ ħaddiema ġodda wieħed peremezz tal-community workers scheme u l-oħra permess tal-RSSL. Wieħed mill-ħaddiema ser ikun qed jaħdem bħala ħaddiem tal-manutenzjoni u l-persuna l-oħra fl-uffiċċju.

**UTV** – Il-kunsill qabel mat-talba tal-UTV sabiex tixxandar il-festa.

**Ittri bl-avukat** – is-Sindku informa li l-kunsill kien irċieva 2 ittri bl-avukat fejn waħda minnhom kienet fuq il-kwistjoni tal-MC Bay u li hu kien ser jiltaqa' mal-persuna fi 12 ta' Mejju 2026 sabiex jiddiskuti din. L-ittra l-oħra ġiet mibgħuta minn persuna wara li l-kunsill ħareġ permess ta' għeluq ta' Triq fi Triq il-Mastrudaxxi. Din il-persuna ħasset li b'dan il-permess ma setgħetx topera l-business tagħha u għalhekk il-kunsill kien bagħat ittra lir-residenti bil-kuntatt tal-kuntrattur, kif ukoll kellem lill-kuntrattur permezz tat-telefon sabiex jirranġa din is-sitwazzjoni.

**Sqaq bla isem** – Is-Sindku informa li l-kumitat tal-ismijiet tat-toroq kien ikkonferma li l-isqaq ta' ħdejn iċ-ċentru kien ser jissemma Sqaq Patri Robert Farrugia.

**Talba mill-KFE** – Is-Sindku qal li l-kunsill kien irċieva talba mill-KFE sabiex bħas-sena ta' qabel il-kunsill jagħmel riklam fil-fuljett tal-festa. Il-Kunsill qabel ma dan u kien ser jagħmel riklam informattiv anke fil-fuljett tal-għaqda tan-nar u tal-Banda.

**Spider lift** – Is-Sindku qal li l-kunsill irċieva din it-talba peress li sena l-oħra l-kunsill kien iffinanzja dan l-ispider lift. Joe Vella qal li l-aħjar il-kunsill kellu jara x'talbiet kien ser ikun hemm minħabba l-festa u l-kunsill jara x'allokazzjoni ta' budget kellu. Is-Sindku qal li kollox kien qed iħoll u jorbot mat-toqob peress li huma ser jieħdu l-ammont sostanzjali. Karl Carabott saqsa hekk it-talbiet kienux ser jiġu trattati separatament u s-sindku qal li l-aħjar li jsir capping. Silvio Vella ikkummenta li l-ispider lift kien ser jinġieb għas-saħħa u sigurtà tal-volontiera. Kien hemm qbil fuq li jinġieb l-ispider lift għal 14 u 20 ta' Mejju.

**5 Skema – Lokalitajiet aktar nodfa**

Peress li fl-aħħar laqgħa Karl Carabott kellu jitlaq u ma kienx fil-laqgħa meta ġiet diskussa din il-materja, u peress li d-diskussjoni tkompliet permezz tal-email, ġie deċiż li ser issir il-ħasil ta' toroq li kien diġà issemmew u madwara issir attività sabiex jingħaqad il-lokal.

**6 Ftuħ u għeluq ta' postijiet pubbliċi**

Is-Sindku qal li bħalma l-kunsill kien diġà infurmat il-persuna li tiftaħ u tagħlaq lis-spazzji pubbliċi kien talab Euro 5 aktar kuljum sabiex iżomm il-ħinijiet il-ġodda. Il-kunsill qabel li dan kien ħafna u kien hemm qbil li jiġi offrut Euro 12.

**7. DIER**

L-avukat tkellem ma DIER u neħħa l-pagament għan-notice period. Għaldaqstant il-ħaddiem kien ser jitħallas permezz ta' cheque il-COLA li ma kienetx inħarġitlu fil-paga. Fuq dan kien hemm qbil.

**8. Ittra mill-ombudsman**

Is-Sindku qal li fuq din kellu laqgħa mas-Sur Grech.

**9. Policy Sospensjoni tal-permessi**

Is-Sindku qara koppja ta' din il-policy sabiex il-kunsill ikun konformi fis-sospensjoni tal-permessi. Fuq din kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha.

**12. Byelaw Latrini**

Is-Sindku qal li peress li daqt jinbdew ix-xogħolijiet fuq il-latrini tal-Ġnien Romeo Romano kif ukoll qed jinħadem it-tender fuq il-latrini tat-Triq il-Kbira San Guzepp, xtaq li jkun hemm byelaw sabiex dawn il-latrini jiġu bil-flus. Hu qara din il-byelaw li fuqha kien hemm qbil.

**13. Riżultati Skala 16**

IS-SE infurmat lil-kunsill li l-bord tal-evalwazzjoni kien qed jirrakkomanda lis-Sur Felix Borg għal post vakanti ta' Tradesman I. Fuq dan kien hemm qbil

**14. Riżultat Skala 12**

I-SE infurmat lill-kunsilliera li l-bord tal-evalwazzjoni kien qed jirrakkomanda lis-Sa Kenzie Khalil għal post vakanti ta' Assistant Officer I. Fuq dan kien hemm qbil.

**15. Talba mill-cat feeders**

Is-Sindku qal li kien hemm talba mill-cat feeders, waħda sabiex titħallas gaġġa għal neutering li tkun tal-kunsill lokali imma tkun tista' tintuża mill-cat feeders bla ħlas. Din il-gaġġa tiswa' Euro 1632.50. Fuq dan kien hemm qbil.

It-Tieni talba kienet sabiex il-kunsill iħallas ikel u spejjeż relatati man-neutering recovery tal-qtates. Il-Kunsill ma qabilx li jħallas għal-ikel imma qabel li jħallas għal-ispejjeż relatati mar-recovery li kienu jammontaw għal Euro 90.

Hawnhekk Karl Carabott, Roberta Sultana u Joe Vella talbu biex ikunu skużati, u għalhekk ġie deċiż li l-*items* l-oħra kienu ser jitniżżlu fl-aġenda li jmiss.

Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta tat-18.15 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss kienet ser issir fi 2 ta' Ġunju 2026 fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Gianluca Falzon | Tiffany Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |